**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 190/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud**

**Illum 13 ta' April 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX, minn XXX għal kull interess li jista' għandu u mis-soċjetà Nicholsons the Supermarket Ltd. quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-14 ta' Marzu 2011, in segwitu trasferit għal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li l-bilanċ ta' tmienja u tmenin elf seba' mija erbgħa u erbgħin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€88,744.89) pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġi mħassar u jiġi dikjarat li huma, jew min minnhom, ma huwiex debitur tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħhom, stante li: (i) ma huwiex minnu li kien intlaħaq xi forma ta' ftehim bejnu u r-Rikorrenti u fi kwalunke każ ir-Rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li turi li effettivament sar tali ftehim. Il-bilanċ minnu pretiż huwa effettivament dovut; (ii) ma huwiex minnu li l-bilanċ ma ġiex maħruġ *reasonably, properly* u *fairly*, anzi huwa applika l-Liġi skrupolożament u mill-ġdid ir-Rikorrenti ma ressqux provi in sostenn ta' dak minnhom allegat; (iii) hija ir-responsabilità tas-soċjetà Rikorrenti XXX li tissottometti d-denunzji tat-taxxa fil-ħin u bil-pagament kif stipulat fl-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) il-ħlasijiet effettwati mit-taxpayer jiġu allokati ai termini ta' l-Artikolu 67(1), (2) u (3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana għalhekk li l-ewwel li jitħallsu huma l-imgħaxijiet u l-

penali amministrattivi, jekk ikun hemm, u mir-rimanenti bilanċ titħallas it-taxxa dovuta; (v) ladarba l-ħlas da parte tas-soċjetà Rikorrenti ma sarx kif tipprovdi l-Liġi, senjatament skond l-Artikolu 27(4) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jitqies li d-denunzja tat-taxxa ġiet sottomessa ai termini ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) eċċepixxa wkoll li t-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u għaldaqstant jitlob korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promotur u kull fejn meħtieġ fil-proċeduri;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 19 sa' 29 tal-proċess;

Ra r-Risposta Ulterjuri tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jeċċepixxi li t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina il-kwistjoni posta quddiemu mir-Rikorrenti stante li qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni kienu nħarġu żewġ Talbiet għall-Ħlas datati rispettivament 3 ta' Ġunju 2010 u 27 ta' Jannar 2011. F'tali każ japplikaw l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 43, 44 u 45 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra dokumenti annessi mar-Risposta Ulterjuri markati Dok. "CG1" u Dok. "CG2" a fol. 58 u 59 tal-proċess;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2015[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 64 u 65 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2016, l-istadju tal-provi tar-Rikorrenti dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ġew dikjarati magħluqa;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni, istitwiti ai termini ta' l-Artikolu 44 (i), (j) u (k) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti jitolbu li jiġi mħassar il-bilanċ ta' €88,744.89 pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u jiġi dikjarat li konsegwentement huma jew min minnhom ma huwiex debitur tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Ir-Rikorrenti jibbażaw din ir-referenza fuq l-affermazzjoni li *l-esponenta tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji. Illi filwaqt illi l-esponenta kellha tagħti l-VAT, membri oħra tal-grupp tal-kumpanniji* (li minnu tifforma parti s-soċjetà XXX)

[1] Fol. 66 tal-proċess.

*kellhom jieħdu l-VAT. L-esponenta u membri oħra fil-grupp waslu fi ftehim mad-Dipartiment dwar tpaċija. Id-Dipartiment dam ma ipproċessa t-tpaċija u għalhekk skatta l-imgħax u bilanċ kontra l-esponenta*, u fuq il-konsegwenti pretensjoni li *l-appellant m'għandux jagħti lill-Kummissarju tal-VAT. L-appellant jitlob lill-Bord* (illum it-Tribunal) *iħassar il-bilanċ ta' €88,744.89. Il-bilanċ inħoloq b'mod mekkaniku kaġun tad-dewmien tad-Dipartiment. Il-bilanċ ta' €88,744.89 inħoloq b'mod mekkaniku u fittiżju. Il-bilanċ ma ġiex kreat 'reasonably', 'properly' u 'fairly'*[2].

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jopponi għall-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jiġu miċħuda stante li: (i) ma huwiex minnu li kien intlaħaq xi forma ta' ftehim bejnu u r-Rikorrenti u fi kwalunke każ ir-Rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li turi li effettivament sar tali ftehim. Il-bilanċ minnu pretiż huwa effettivament dovut; (ii) ma huwiex minnu li l-bilanċ ma ġiex maħruġ *reasonably, properly* u *fairly*, anzi huwa applika l-Liġi skrupolożament u mill-ġdid ir-Rikorrenti ma ressqux provi in sostenn ta' dak minnhom allegat; (iii) hija r-responsabilità tas-soċjetà Rikorrenti XXX li tissottometti id-denunzji tat-taxxa fil-ħin u bil-pagament kif stipulat fl-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) il-ħlasijiet effettwati mit-taxpayer jiġu allokati ai termini ta' l-Artikolu 67(1),(2) u (3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana għalhekk li l-ewwel li jitħallsu huma l-imgħaxijiet u l-penali amministrattivi, jekk ikun hemm, u mir-rimanenti bilanċ titħallas it-taxxa dovuta; (v) ladarba l-ħlas da parte tas-soċjetà Rikorrenti ma sarx kif tipprovdi l-Liġi, senjatament skond l-Artikolu 27(4) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jitqies li d-denunzja tat-taxxa ġiet sottomessa ai termini ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jeċċepixxi wkoll li t-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u għaldaqstant jitlob korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promotur u kull fejn meħtieġ fil-proċeduri.

Permezz ta' Risposta Ulterjuri ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi jeċċepixxi li t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina il-kwistjoni posta quddiemu mir-Rikorrenti stante li qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni kienu nħarġu żewġ Talbiet għall-Ħlas datati rispettivament 3 ta' Ġunju 2010 u 27 ta' Jannar 2011. F'tali każ japplikaw l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 43, 44 u 45 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)/Kummissarju tat-Taxxi, senjatament l-eċċezzjoni li llum t-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 bil-konsegwenza li hija meħtieġa korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promotur u kull fejn meħtieġ fl-atti u l-eċċezzjoni

---

[2] Rikors promotur.

ta' l-inkompetenza, it-Tribunal iqis li l-ewwel għandhom jiġu trattati u determinati dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet partikolari qabel ma tiġi trattata r-referenza tar-Rikorrenti fil-mertu.

**It-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud):**

Ai termini ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Att daħal fis-seħħ fl-20 ta' Jannar 2012[3], *għandu jkun hemm Kummissarju tat-Taxxi li jkun il-kap tad-dipartimenti tat-taxxa u li jkun maħtur mill-Prim' Ministru.* Is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jiddisponi li *mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u minkejja kull liġi oħra, il-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u fil-Kontrollur tad-Dwana taħt l-atti tat-taxxa għandhom jiġu trasferiti lill-Kummissarju u jiġu eżerċitati minnu u kull referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għall-Kontrullur tad-Dwana f'kull liġi għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi.* Ai termini tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu tal-Liġi *(a) Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taħt dan l-Att jew taħt l-atti tat-taxxa lil kull uffiċjal tad-dipartimenti tat-taxxa; (b) Kull delega magħmula taħt dan is-subartikolu għandha tiġi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta; … (d) Il-Kummissarju jista', f'kull żmien, bi qbil mill-Ministru, jieħu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uħud minnhom, li jkunu ġew delegati taħt dan is-subartikolu. Avviż dwar it-teħid lura ta' funzjonijiet għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta ta' Gvern; (e) Meta l-Kummissarju jieħu lura funzjonijiet li kienu ġew delegati lil persuna oħra taħt dan is-subartikolu, huwa jieħu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti ġudizzjarji u l-azzjonijiet kollha magħmula, mibgħuta, preżentati, mibdija jew meħuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna oħra bis-saħħa ta' l-imsemmija delega.*

Bħala fatt fiż-żmien meta d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ippreżenta r-Risposta tiegħu għat-talbiet tar-Rikorrenti, ossia fit-30 ta' Lulju 2012, il-funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kienu delegati fuqu, ossia fuq id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), in forza ta' Ordni ta' Assunzjoni ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Lulju 2012 u Ordni ta' Assunzjoni ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012. Madanakollu però permezz ta' l-Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi, b'effet mis-27 ta' Ġunju 2014, assuma mill-ġdid il-funzjonijiet nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, bil-konsegwenza għalhekk li strettament illum huwa il-Kummissarju tat-Taxxi li huwa l-intimat f'dawn il-proċeduri.

[3] Avviż Legali 16 ta' l-2012.

Nonostante dan però fid-dawl ta' dak provdut fir-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta' Ċerti Referenzi għall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Leġislazzjoni Sussidjarja 517.01, fejn appuntu t-titolu "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" għandu jitqies u jkun ekwivalenti għat-titolu "Kummissarju tat-Taxxi" għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, fil-fehma tat-Tribunal fil-każ in eżami ma hemmx il-ħtieġa li tiġi ordnata korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proċeduri kif pretiż mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk, it-Tribunal jastejni milli jieħu konjizzjoni tat-talba għall-korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri avvanzata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

**Kompetenza tat-Tribunal biex jittratta u jiddetermina t-talbiet tar-Rikorrenti:**

Fir-Risposta Ulterjuri tiegħu il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li in vista tal-ħruġ fil-konfront tas-soċjetà XXX ta' Talbiet għall-Ħlas datati 3 ta' Ġunju 2010 u 27 ta' Jannar 2011, ossia entrambe qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri, dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talbiet tar-Rikorrenti.

Din l-eċċezzjoni ulterjuri hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 45 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirreferi għall-Artikoli 43 u 44 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien meta ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi kien jipprovdi li: *it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.* ***It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm Qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun digà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima***[4].

L-imsemmi Artikolu tal-Liġi ġie emendat in forza ta' l-Att IV ta' l-2016 u llum jipprovdi li: *(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. (2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-Liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt*

[4] Enfasi tat-Tribunal.

*xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir ta' b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-iktar kmieni.*

Għal kull buon fini jiġi osservat li l-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, fiż-żmien ta' l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kien jipprovdi li: *(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop ta' l-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att. (2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amminsitrattivi.*

Is-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat in forza ta' l-Att IV ta' l-2016 u llum jipprovdi li: *it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skond l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' att amministrattivi.*

Minn dan kollu osservat jirriżulta ferm ċar li l-Liġi li toħloq u tirregola t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, senjatament l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, ma għadhiex tipprovdi u tiddisponi li *t-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu <u>kemm-il darba ma jkunx hemm Qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun digà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima</u>*[5]. Detto ciò però dana ma jfissirx li t-Tribunal għandu kompetenza illimitata u b'hekk kwalunkwe u kull kwistjoni posta quddiemu tista' tiġi Minnu trattata u determinata.

Għall-fini li tiġi determinata l-kompetenza tat-Tribunal f'kwistjonijiet relattivi għat-taxxa fuq il-valur miżjud, neċessarjament trid issir referenza għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 45 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta *għandu jitwaqqaf Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva bil-għan li jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jsiru skond l-Artikoli 43 u 44.* Il-Partita 1(1) u (2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll tipprovdi li: *it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew iżid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa kkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkanċella l-istima jew jagħmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni oħra kif hu jqis xieraq. (2) It-Tribunal huwa kompetenti li jiddetermina kull ħaġa mibgħuta lilu skond l-Artikolu 44.*

[5] Sottolinear tat-Tribunal.

L-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar (a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni; (b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa; (ċ) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintgħamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le; (d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti; (e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli; (f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa; (g) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att; (h) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le; (i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu; (j) kull ħaġa li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell; (k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-Liġi joħroġ ferm ċar għalhekk li t-Tribunal huwa kompetenti jittratta u jiddetermina appelli minn stimi maħruġa fil-konfront ta' *taxpayer* u/jew referenzi istitwiti quddiemu minn kull minn juri li għandu interess fil-kwistjoni posta jew mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Mill-atti proċesswali, u senjatament mir-Rikors promotur stess, jirriżulta li l-proċeduri odjerni huma referenza ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament ai termini tal-paragrafi (i), (j) u (k) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, permezz ta' liema r-Rikorrenti, għar-raġunijiet minnhom esposti fir-Rikors promotur, jitolbu li t-Tribunal iħassar il-bilanċ ta' €88,744.89 pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxi u li konsegwenment jiddikjara li ebda taxxa ma hija dovuta min minnhom. Jirriżulta għalhekk li t-Tribunal huwa kompetenti li jittratta u jiddetermina r-referenza hekk posta quddiemu.

Il-Kummissarju tat-Taxxi, jikkontendi però li siccome ġia nħarġu Talbiet ta' Ħlas ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tas-soċjetà XXX, u dana qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, it-Tribunal ma għandux kompetenza li jittratta u jiddetermina t-talbiet tar-Rikorrenti.

Is-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xhieda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-*

*għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili; (2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skond il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li l-proċedura hemm kontemplata hija is-segwenti:

- Meta l-Kummissarju tat-Taxxi joħroġ Avviż fil-konfront ta' *taxpayer* dwar taxxa u penali amministrattiva dovuti, dak l-Avviż jikkostitwixxi titolu eżekuttiv kemm-il darba dak fih indikat ma jiġix kontradett mill-istess *taxpayer*;
- In segiwtu għall-hruġ ta' tali Avviż u fin-nuqqas ta' ħlas, il-Kummissarju joħroġ Nota ta' Talba għall-Ħlas (*Demand Note*) fejn mill-ġdid issir interpellazzjoni għall-ħlas ta' dak dovut skond l-Avviż;
- Jekk ma jsirx ħlas entro tletin ġurnata min-notifika tan-Nota ta' Talba għall-Ħlas, il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront tat-*taxpayer*, liema esekuzzjoni tista' sseħħ biss wara jumejn min-notifika ta' ittra uffiċjali interpellatorja.

Ma hemmx dubju li una volta li l-Avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tat-*taxpayer* jsir titolu eżekuttiv, il-*quantum* ta' dak l-Avviż, sepċjalment in kwantu rigwarda t-taxxa dovuta, diffiċilment ikun jista' jiġi kontestat. Lanqas ma hemm dubju li una volta li tinħareġ ittra uffiċjali għall-esekuzzjoni ta' dak it-titolu eżekuttiv, il-persuna interpellata għall-ħlas ikollha tidderiġi kwalunkwe kontestazzjoni li għandha fir-rigward ta' dik l-esekuzzjoni quddiem il-Qorti komptetenti u mhux quddiem dan it-Tribunal. Madanakollu però, sakemm tinħareġ tali ittra uffiċjali fil-konfront tat-taxpayer, dak l-istess taxpayer jista', entro l-limiti prefissi mill-Liġi, jikkontesta minn jew jillanja dwar il-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi quddiem dan it-Tribunal.

Dak huwa eżattament dak li qed jagħmlu r-Rikorrenti bil-proċeduri odjerni.

Ma hemmx dubju li l-proċeduri odjerni skattaw in segwitu għat-Talbiet għall-Ħlas maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tas-soċjetà Toys N Kids Limited, senjatament it-Talba għall-Ħlas datata 27 ta' Jannar 2011. B'dawn il-proċeduri r-Rikorrenti essenzjalment qed jirreferu għall-konsiderazzjoni u konsegwenti deċiżjoni tat-Tribunal il-kwistjoni dwar jekk l-ammont pretiż mill-Kummissarju huwiex attwalment dovut in segwitu għall-allegat ftehim ta' tpaċija milħuq bejniethom u l-Kummissarju u huwiex

validament dovut stante li l-imgħax li laħaq iddekorra fuq it-taxxa dovuta, iddekorra kontra s-soċjetà XXX b'mod mekkaniku u għaliex, skonthom, il-Kummissarju tat-Taxxi dam biex ta deċiżjoni dwar il-ftehim ta' tpaċija.

Naturalment wieħed irid jara jekk il-pretensjonijiet tar-Rikorrenti humiex korretti, validi u sostenibbli (kwistjoni din li tiġi trattata fl-istadju dwar il-mertu) iżda ċertament f'dan l-istadju - fejn kull ma nħareġ fil-konfront tas-soċjetà XXX huwaTalba għall-Ħlas - ma hemm xejn x'jżomm lir-Rikorrenti milli jressqu referenza għall-konsiderazzjoni u konsegwenti deċiżjoni tat-Tribunal.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza Tiegħu sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u filwaqt li jiddikjara li huwa kompetenti biex jittratta u jiddetermina r-referenza posta quddiemu mir-Rikorrenti, jordna l-prosegwiment tal-kawża.

It-Tribunal jirriserva li jipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza dwar il-mertu.

Ai termini tal-Partita 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lir-Rikorrenti kollha u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**